MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-16 ta' April, 2009

Talba Numru. 837/2008

Mobisle Communications Limited (C24655).

Vs

Janice Zarb.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas minghand il-konvenuta tas-somma ta' tlett mija u tlett Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€303.25), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta skond Client Contract number 1021969 in rigward ta' servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici fix-xhur bejn is-sena 2007 u s-sena 2008. Bl-ispejjes, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' April 2008, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta' tlett mija u tlett Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€303.25), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.  L-ispejjez kollha kif mitluba fl-Avviz, ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono.**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------